Guħ Mard.....u Kittieba

Ta' Nikol Biancardi

KIEKU wieħed kellu joqgħod fuq dak li jaqra fuq il-poeti u l-kotba tal-kittieba, k'eku jrid ikun miġnun biex jitħajjar isir bħalhom. — "Jaqbel li tkun kittieb? Jaqbel li tkun poeta?..." Jekk qrajt elf ħaġa ta' nies għorrief sibt li 999 minnhom mietu morda u bil-ġuħ. Wisq naħseb, iżda, li din ix-xejra ta' kitba issa saret drawwa u ħakmet lil bosta li jħobbu l-letteratura sentimentali.

Donnu wieħed ma jistax ikun poeta jekk ma jkunx marid b'qidru! Donnu ħadd ma jista' jkun kittieb jekk ma jkunx bil-ġuħ! Din l-propaganda sentimentali ili nafha minn minnu kont żgħir u, ħaġa tal-għaġeb, donnha kellha bħal seħer fuqi. Minħabba x-xorti ħażina li bosta drabi tmiss lill-poeti, jiena dejjem ħassejt bħal ġibda ta' ħniena lejn min hu għaref. Il-lum li kbirt, din l-propaganda ħafna minnha qarrieqa, xejn ma saret togħġobni.

Il-qawl igħid: "Il-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss". Hekk hu tabilħaqq, iżda daqshekk ieħor hu minnu li "Il-bniedem ma jgħixx bil-poeżija biss". U la darba hu hekk, jeħtieġ inħajru liż-żewġ ħażagħ iħalltu l-ħelu mal-meħtieġ: "Ille tulit punctum qui misquit utile dulci". U ma noqogħdux insewdulhom qalbhom.

Fit-Tieni Ktieb tat-Tmienja u Għoxrin Sena (Ġunju 1952) ta' "Il-Malti", jiena qrajt dak li kiteb il-ħabrieki ħabib tiegħi G. Cassar Pullicino fuq it-traduzzjoni tal-poeta Malti Dwardu Cachia, minn poeżija portugiża tal-famuż kittieb Luiz de Camoens, li tfissret b'iżjed minn 120 ilsien, fosthom bil-Malti. Il-lum m'inix se nitkellem fuq ix-xogħol ħabrieki u stħarrieġi ta' Cassar Pullicino, li tiegħu ħaqqu l-akbar tifħir, imma se nieqaf fuq ftit versi li sewdulli qalbi waqt il-qari ta' l-istudju li għamel. Sirna nafu li Cameons "messitu l-pesta fl-1580 u miet f'm'żerja ħekk kbira li l-Karmelitan li kien jassisti miegħu qabżitlu demgħa kbira jara ġenju ħekk kbir mingħajr lanqas biss liżar biex igħattuh". Dan fuq Camoens. Issa niġu għall-poeta tagħna: Dwardu Cachia. Sirna nafu li Cachia: "Miet f'gorboġ ħdejn iċ-ċimiteru f'għaks kbir bil-mard tas-sider u b'qalbu maqsuma".

Wieħed miet bil-pesta u l-ieħor bil-mard tas-sider: it-tnejn bil-ġuħ! Imsieken tassew! Kemm kont iżjed hieni meta kont

naqra xi wieħed m'll-kotba tax-Xogħol Kbir ta' Camoens "Os Luciados", mingħajr ma kont naf xejn iżjed fuqu, għajr il-qima li biha kien imdawwar bħala poeta kbir. Kemm kont iżjed fħan meta kont naqra l-versi ħfief u mexxejja ta' Dwardu Cachia fil-poemett tiegħu "Katrin ta' l-Imdina", bla ma kont naf fejn u bix miet, għajr li kien pensjonant u bniedem maħbub.

Din l-isħaba ilha thedded lill-poeti u lill-kittieba — u madankollu lil kull min hu għaref u patrijott — miż-Żmenijiet tan-Nofs meta għadd ta' kittieba sentimentali iżjed kienu jagħfsu fuq il-ħajja ġewwenija tal-kittieb milli fuq il-ġrajja barranija tiegħu. Donnu fid-dinja ma kienx hawn għorrief li mietu mfawrin fil-ġid u ta' għomor kbir. Mur għidlu hekk lil George Bernard Shaw, li miet ta' iżjed minn 90 sena, u li ħalla warajh ġid kbir. U bħal Shaw kien hawn eluf oħra. Imma, ħaġa tal-għaġeb! il-kittieba jħobbu jokorbu wisq. In-niket huwa donnu lalla tagħhom. Wara kollox id-dinja m'hijiex kerha daqs kemm inpinġuha fil-poeżija tagħna waqt xi attakk ta' dieqa. Jekk ilbniedem ordinarju jaf jithenna bil-baħar, bis-smewwiet, bil-ġonna u b'dak kollu li hu sabiħ, kemm iżjed jitgħaxxaq bihom ilpoeta li jaf joħloq dinjiet oħra bil-qawwa ta' ħsibijietu?! Le, le, mhux tassew li l-poeti u l-għorrief huma nies kollha xortihom ħażina. Biex tkun poeta jeħtieġ tkun bniedem qalbieni u tifkar li wara kollox **ma hawnx ward bla xewk,** kif ukoll **ma** hawnx xewk bla ward.

VARIA ATQUE BREVIORA

(Ikompli mill-faċċ. 7)

In-numru *sebgħa* f'xi frażijiet Maltin:—

Saħħa *seba'* saħħiet: Il-qattus għandu *sebat* erwieħ; Trid *seba'* għajnejn; Għidtlu *sebat* elef darba; Għandu *seba'* mitt sena.

Dissimalazzjoni tal-likwidi f'xi nomi proprji u f'xi kliem ieħor:—

Ġalandrì (flok *Ganandrea*); Ġalanton (flok *Gananton*); sensel (flok *selsel*); kenur (flok *kenun*); qniepel (flok *qniepen*); ringiela (flok *ringiera*); lankè (flok *nankin*); lenò (flok *ninon*); linfa (flok *ninfa*).

Assimilazzjoni tal-likwidi f'xi nomi ta' Qaddisin u oħrajn:—

Sam-Mark; Sam-Martin; Sal-Lawrenz; Santur-Rokku; Fras-Salv; Fraġ-Ġwann; Grammastru.

(Jissokta fil-faċċ. 32)